

Jekk jogħġbok innota li l-verżjoni bil-lingwa oriġinali ta' din il-paġna [\[sk\]](#) ġiet emendata reċentement. Il-verżjoni tal-lingwa li qed tara bħalissa attwalment qed tiġi ppreparata mit-tradutturi tagħna.

is-Slovakk

Jekk jogħġbok innota li dawn il-lingwi li ġejjin: [\[cs\]](#) diġà ġew tradotti.

Swipe to change

Drittijiet fundamentali

Slovakkja

Qrati Nazzjonali

Lista ta' qrati kriminali

Il-qafas legali għall-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali fis-Slovakkja huwa l-Kostituzzjoni tar-Repubblika Slovakka (l-Att Nru 460/1992 huwa emendat). Il-Kostituzzjoni Slovakka hija l-att bażiku tas-Slovakkja u tiegħu preċedenza fuq kull att leġiżlattiv ieħor. It-tieni Kapitolu tal-Kostituzzjoni Slovakka (l-Artikoli 11 sa 54) jipprovdi **protezzjoni ġenerali tad-drittijiet u l-libertajiet fundamentali**, jiġifieri tad-drittijiet u l-libertajiet fundamentali tal-bniedem (magħrufin bħala d-drittijiet ċivili fid-dokumenti internazzjonali), id-drittijiet politiċi, id-drittijiet tal-minoritajiet nazzjonali u l-gruppi etniċi, id-drittijiet ekonomiċi, soċjali u kulturali, id-dritt tal-protezzjoni tal-wirt ambjentali u kulturali u d-dritt ta' protezzjoni ġudizzjarja u ta' forum oħrajn ta' protezzjoni. Id-drittijiet u l-libertajiet fundamentali huma garantiti għal kulħadd fis-Slovakkja, irrispettivament mis-sess, ir-razza, il-kulur tal-ġilda, il-fidi jew ir-reliġjon, it-tweemmin politiku jew tweemmin ieħor, l-oriġini nazzjonali jew soċjali, is-sħubija fi grupp nazzjonali jew etniku, is-sjieda tal-proprietà, il-familja jew sitwazzjoni oħra. Ħadd ma jista' jiġi mweġġa', aġevolat, jew żvantaġġat minħabba waħda minn dawn ir-raġunijiet. Id-drittijiet ta' ħadd ma jistgħu jinkisru sempliċement għax dan ikun iddeċieda li jeżerċita d-drittijiet u l-libertajiet fundamentali tiegħu (l-Artikolu 12(2) u (4) tal-Kostituzzjoni Slovakka). Sakemm ma jkunx mogħti biss b'mod espliċitu liċ-ċittadini tar-Repubblika Slovakka, il-barranin li jkunu jinsabu fis-Slovakkja huma intitolati għad-drittijiet u l-libertajiet fundamentali tal-bniedem garantiti fil-Kostituzzjoni Slovakka, inkluż id-dritt ta' ażil (l-Artikolu 52(2) u l-Artikolu 53 tal-Kostituzzjoni Slovakka). Il-kundizzjonijiet u limiti tad-drittijiet u l-libertajiet fundamentali u l-kamp tal-applikazzjoni tal-obbligi fi żmien il-gwerra, ostilitajiet, ċirkostanzi eċċezzjonali u ta' emerġenza huma stabbiliti f'att kostituzzjonali dwar is-Sigurtà Statali fi żmien il-gwerra, ostilitajiet, ċirkostanzi eċċezzjonali u ta' emerġenza (l-Att Nru 227/2002).

Skont l-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni Slovakka, **kull persuna tista', skont il-proċedura stabbilita bil-liġi, tinforza d-drittijiet tagħha fqorti** indipendenti u imparzjali u, f'każijiet li tiddetermina l-liġi, quddiem awtorità differenti tar-Repubblika Slovakka. Fil-prattika jista' jkun hemm firxa wiesgħa ta' drittijiet tal-bniedem, jiġifieri drittijiet tal-bniedem u libertajiet fundamentali li jistgħu jkunu definiti bil-liġi, u drittijiet tal-bniedem u libertajiet fundamentali li ma jistgħux ikunu definiti bil-liġi. Il-kontenut ta' drittijiet u libertajiet bħal dawn jista' jinkludi drittijiet ċiviċi, politiċi, ekonomiċi, soċjali, kulturali, u oħrajn garantiti bil-Kostituzzjoni Slovakka, b'atti kostituzzjonali oħrajn, b'atti u b'leġiżlazzjoni oħrajn, u bi trattati internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali (il-liġi internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem) li s-Slovakkja hija marbuta bihom. Is-setgħa tal-iskrutinju tad-deċiżjonijiet dwar id-drittijiet u l-libertajiet fundamentali ma tistax tiġi eskluża mis-setgħat tal-qrati.

Xi ħadd li jiddikjara li **b'deċiżjoni li ħadet awtorità pubblika, inkisru d-drittijiet tiegħu jew tagħha**, jista' jittlob qorti biex tiġi riveduta d-deċiżjoni sakemm il-liġi ma tkunx tistipula mod ieħor. Il-Kostituzzjoni Slovakka u liġijiet rilevanti oħrajn jiggarrantixxu **d-dritt li kulħadd għal kumpens tad-dannu kkawżat b'deċiżjoni illegali li tkun ittieħdet minn qorti jew korp statali ieħor jew awtorità pubblika jew ikkawżat minn proċedura uffiċjali żbaljata**. Id-dettalji ta' dan huma stabbiliti fl-Att Nru 514/2003 dwar ir-responsabbiltà tad-dannu kkawżat fl-eżerċizzju ta' awtorità pubblika u jemendaw ċerti atti oħrajn. Dan l-att jirregola r-responsabbiltà tal-Istat għad-dannu kkawżat minn korpi pubbliċi meta jeżerċitaw awtorità pubblika, ir-responsabbiltà ta' muniċipalitajiet u unitajiet territorjali oġġli għad-dannu kkawżat minn korpi awtoritarji lokali meta jeżerċitaw is-setgħat tagħhom, is-seduta preliminari tad-dikjarazzjonijiet tad-dannu u d-dritt ta' kumpens rigressiv.

Skont l-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni Slovakka, imsemmi hawn fuq, it-Taqsima 3 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili **tiggarantixxi d-dritt li fqorti tiġi infurzata l-protezzjoni ta' dritt li ġie mhedded jew inkiser**. Il-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili jistabbilixxi l-proċeduri li jridu jiġu segwiti mill-qorti u mill-parteċipanti fil-proċedimenti tal-qorti ċivili sabiex tkun żgurata **l-protezzjoni ġusta tad-drittijiet u l-interessi leġittimi** tal-parteċipanti u sabiex ikunu żgurati mgħiba skont il-liġi, it-tweittiq onest tad-dmirijiet u r-rispett lejn id-drittijiet ta' ħaddieħor. Fil-proċedimenti tal-qorti ċivili, il-qrati jismgħu u jaqgħu sentenzi dwar tilwimiet u kawżi legali oħrajn, jinfurzaw l-applikazzjoni ta' deċiżjonijiet li jkunu għadhom ma ġewx applikati volontarjament, u jiżguraw li ma jkun sar **l-ebda ksur tad-drittijiet jew tal-interessi protetti bil-liġi** ta' persuni naturali u ġuridiċi, u li dawn id-drittijiet ma jkunux abbużati għad-detriment ta' dawn il-persuni.

F'konformità mat-Taqsima 7(1) u (2) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, fil-proċedimenti tal-qorti ċivili, il-qrati jismgħu u jaqgħu sentenzi dwar tilwimiet u kawżi legali oħra li għandhom x'jaqsmu mal-liġi ċivili, il-liġi dwar l-impjeggi, il-liġi dwar il-familja, il-liġi kummerċjali, u l-liġi ekonomika, sakemm dawn ma jkunux instemgħu u nqatgħu minn korpi oħrajn skont il-liġi. Fil-proċedimenti tal-qorti ċivili, il-qrati jirrevedu wkoll il-leġalità ta' deċiżjonijiet li ttieħdu minn awtoritajiet pubbliċi u l-leġalità ta' deċiżjonijiet, miżuri u interventi oħrajn minn awtoritajiet pubbliċi, u jiddeċiedu b'konsistenza mal-liġi tal-miżuri legali adottata minn awtoritajiet lokali fuq kwistjonijiet tal-awtorità lokali u, għall-implimentazzjoni tal-kompiti tal-awtorità statali, b'konsistenza mar-Regolamenti Governattivi u mal-ordnijiet ministerjali u ordnijiet ta' awtoritajiet statali ċentrali oħrajn, sakemm il-liġi ma tkunx tistipula li dawn il-kwistjonijiet għandhom jinstemgħu u jinqatgħu minn korpi oħrajn. Kawżi oħrajn jinqatgħu u jinstemgħu minn qrati fi proċedimenti tal-qorti ċivili biss meta jkun stipulat fil-liġi.

Qrati ordinarji fis-Slovakkja

Fis-Slovakkja kwistjonijiet ġudizzjarji jidhru quddiem qrati indipendenti u imparzjali. F'kull livell, il-kwistjonijiet ġudizzjarji huma separati minn dawk ta' korpi statali.

Il-proċedimenti quddiem il-qrati huma msejsa fuq il-prinċipju taż-żewġ istanzi, li skontu huwa possibbli li jsir appell kontra sentenzi tal-qrati li ttieħdu fil-prim'istanza (minn qrati distrettwali). L-appelli, li joħlqu rimedju legali xieraq, jinstemgħu minn qrati superjuri fit-tieni istanza (qrati reġjonali)

Is-sistema tal-qrati ordinarji tikkonsisti mill-Qorti Suprema tar-Repubblika Slovakka, il-Qorti Kriminali Speċjalizzata, tmien qrati reġjonali u 45 qorti distrettwali li jaqgħu sentenzi ta' kawżi li ma jkunux fil-kompetenza esklussiva tal-Qorti Kostituzzjonali tar-Repubblika Slovakka; jiġifieri jaqgħu sentenzi ta' kawżi ċivili u kriminali u jirrevedu wkoll il-leġalità ta' deċiżjonijiet li ttieħdu u proċeduri li segwew il-korpi statali (ġustizzja amministrattiva), jekk ikun stipulat bil-liġi. Bħalissa s-Slovakkja ma għandhiex qrati militari stabbiliti bil-liġi.

Ġustizzja amministrattiva

Ir-reviżjoni tal-leġalità tad-deċiżjonijiet li ttieħdu u l-proċeduri segwiti mill-awtoritajiet pubbliċi hija regolata mid-dispożizzjonijiet tal-ħames parti tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili (l-Att Nru 99/1963, kif emendat).

Fil-ġustizzja amministrattiva, il-qrati jistgħu jwettqu revizzjonijiet imsejja fuq ilmenti jew appelli relatati mal-legalità ta' deċiżjonijiet li tteħdu jew proċeduri segwiti minn awtoritajiet pubbliċi. Fil-ġustizzja amministrattiva, il-qrati jirrevedu l-legalità ta' deċiżjonijiet u proċeduri minn awtoritajiet pubbliċi, awtoritajiet lokali u awtoritajiet ta' entitajiet lokali interessati u persuni ġuridiċi oħra kif ukoll persuni naturali, sakemm dawn ikunu intitolati bil-liġi biex jieħdu deċiżjonijiet fuq id-drittijiet u r-responsabbiltajiet ta' persuni naturali u ġuridiċi fil-qasam tal-amministrazzjoni pubblika ("deċiżjonijiet u proċeduri ta' korpi amministrattivi"). "Deċiżjonijiet ta' awtoritajiet amministrattivi" tfisser deċiżjonijiet meħuda minnhom fi proċedimenti amministrattivi u deċiżjonijiet oħra li jstabbilixxu, ibiddlu jew iħassru d-drittijiet u l-obbligi ta' persuni naturali jew ġuridiċi jew li bihom id-drittijiet, interessi protetti bil-liġi jew l-obbligi ta' persuni naturali jew persuni ġuridiċi jistgħu jkunu direttament affettwati. "Proċedura segwita minn awtorità amministrattiva" tinkludi wkoll inazzjoni. Il-qrati involuti fil-ġustizzja amministrattiva jiddeċiedu dwar proposti biex jimponu obbligi fuq awtoritajiet pubbliċi biex jaġixxu fuq id-drittijiet u r-responsabbiltajiet ta' persuni naturali u ġuridiċi fil-qasam tal-amministrazzjoni pubblika u fuq miżuri biex jinfurzaw l-applikazzjoni ta' deċiżjonijiet permezz ta' proċedura stabbilita fit-Taqsimiet 250b u 250u. Il-qrati involuti fil-ġustizzja amministrattiva jieħdu azzjoni biex jiproteġu interventi illegali minn awtoritajiet pubbliċi u fuq l-infurzarabbiltà ta' deċiżjonijiet minn korpi amministrattivi barranin. Fi kwistjonijiet elettorali u f'każijiet li għandhom x'jaqsmu r-reġistrazzjoni tal-partiti politiċi u l-movimenti politiċi, il-qrati jaġixxu u jiddeċiedu skont id-dispożizzjonijiet ta' din il-parti u sakemm inhu definit minn regoli speċifiċi. Kif inhu xieraq, u skont id-dispożizzjonijiet ta' din il-parti, il-qrati jaġixxu u jiddeċiedu wkoll meta dan ikun preskritt minn dispożizzjonijiet speċifiċi jew meta r-reviżjoni tad-deċiżjonijiet issir minn awtoritajiet pubbliċi kif jeżiġu trattati internazzjonali li magħhom hija marbuta s-Slovakkja.

Dawn il-każijiet partikolari jistgħu jinvolvu dan li ġej:

azzjonijiet, jew deċiżjonijiet, dwar ilmenti mressqa kontra deċiżjonijiet meħuda jew proċeduri segwiti minn korpi amministrattivi;
azzjonijiet, jew deċiżjonijiet, dwar appelli mressqa kontra deċiżjonijiet meħuda minn korpi amministrattivi li għandhom mhumieq finali;
azzjonijiet kontra n-nuqqas ta' azzjoni minn awtoritajiet pubbliċi;
azzjonijiet meħuda għal protezzjoni kontra interventi illegali minn awtoritajiet pubbliċi;
tip speċjali ta' azzjoni (bħal azzjonijiet fi kwistjonijiet elettorali).

Id-dettalji huma rregolati mit-Taqsimiet 244 sa 250zg tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili

Il-qrati ma għandhomx is-setgħa li jemendaw il-leġiżlazzjoni adottata mis-setgħa eżekuttiva (leġiżlazzjoni sekondarja). Madanakollu, skont l-Artikolu 144(2) tal-Kostituzzjoni Slovakka, jekk il-qorti jidhrilha li kwalunkwe **leġiżlazzjoni** oħra, jew parti minnha jew dispożizzjoni individwali tagħha li hija relatata mal-kawża li qed tinstema', **tikser il-Kostituzzjoni, att kostituzzjonali, trattat internazzjonali ta' "priorità"** (skont l-Artikolu 7(5) tal-Kostituzzjoni) **jew att, din għadha tissospendi l-azzjoni u tnedi azzjoni biex jinbdew proċedimenti quddiem il-Qorti Kostituzzjonali** (skont l-Artikolu 125(1)). L-opinjoni legali tal-Qorti Kostituzzjonali, kif tinsab fid-deċiżjoni tagħha, tkun torbot lill-qorti. Madanakollu, it-tressiq ta' azzjoni biex jinbdew il-proċedimenti quddiem il-Qorti Kostituzzjonali ma jehlix lill-qorti mid-dmir tagħha li tiegħu azzjoni fil-kawża bil-mod kif stabbilit bil-liġi

Il-Qorti Kostituzzjonali tar-Repubblika Slovakka

Il-Qorti Kostituzzjonali tar-Repubblika Slovakka

Hlavná 110

042 65 Košice 1

SLOVAKIA

Tel.: +421 55 7207211

Faks: +421 55 6227639 (il-president)

Email: podatelna@ustavnysud.sk

Websajt: <https://www.ustavnysud.sk>

Il-Qorti Kostituzzjonali tar-Repubblika Slovakka ("il-Qorti Kostituzzjonali") ġiet stabbilita bil-**Kostituzzjoni tar-Repubblika Slovakka, Nru 460/1992**, bħala korp ġuridiku indipendenti sabiex tippoteġi l-kostituzzjonalità. Is-setgħat u l-kompetenza huma rregolati bl-Artikolu 124 sa 140 tal-Kostituzzjoni tar-Repubblika Slovakka kif emendata. Id-dettalji tal-organizzazzjoni tal-Qorti Kostituzzjonali, il-proċedura li trid tkun segwita quddiem il-Qorti u l-istatus tal-imħallfin tagħha huma stabbiliti fl-**Att Nru 38/1993**, kif emendata.

F'konformità mat-Taqsima 79 tal-Att Nru 38/1993, is-Sessjoni Plenarja tal-Qorti Kostituzzjonali approvat ir-

Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Kostituzzjonali, Nru 114/1993, kif emendati, li jirregolaw f'aktar dettall: il-ħidmiet interni tal-Qorti Kostituzzjonali waqt it-tnejjiet tagħha għall-proċedimenti u t-teħid tad-deċiżjonijiet; kwistjonijiet relatati mal-istatus tas-Sessjoni Plenarja, is-senati, ir-relaturi tal-imħallfin, l-assessuri u persuni oħra li jieħdu sehem fl-attività tal-Qorti Kostituzzjonali; u proċedimenti dixxiplinarji kontra mħallfin.

Il-Qorti Kostituzzjonali tibda proċedimenti jekk tkun jitressaq rikors minn:

mill-anqas wieħed minn kull ħames membri tal-Kunsill Nazzjonali tar-Repubblika Slovakka;

il-President tar-Repubblika Slovakka;

il-Gvern tar-Repubblika Slovakka;

qorti, f'konnessjoni mal-attività tagħha tat-teħid tad-deċiżjoni;

il-Prosekutur Ġenerali tar-Repubblika Slovakka;

id-Difensur Pubbliku tad-Drittijiet (l-Ombudsman) fi kwistjonijiet ta' konformità tal-liġijiet mal-leġiżlazzjoni msemmija fl-Artikolu 125(1), jekk it-tkomplija tal-infurzar tagħhom jista' jipperikola d-drittijiet u l-libertajiet fundamentali, jew id-drittijiet u l-libertajiet fundamentali tal-bniedem permezz ta' konvenzjonijiet internazzjonali li tkun irrattifikat ir-Repubblika Slovakka u li kienu ppromulgati kif tippreskrivi l-liġi;

kull persuna li d-drittijiet tagħha huma aġġudikati kif stabbilit fl-Artikolu 127 u fl-Artikolu 127a tal-Kostituzzjoni.

Il-proċedimenti jibdeu dakinhar li jitressaq ir-rikors quddiem il-Qorti Kostituzzjonali.

L-Artikolu 127a tal-Kostituzzjoni tar-Repubblika Slovakka tirregola l-istituzzjoni tar-"rikors kostituzzjonali", li jista' jitressaq minn individwu jew minn entità ġuridikaġuridika (ir-"rikorrent") li jasserixxi li d-drittijiet jew il-libertajiet fundamentali tiegħu jew tagħha nkisru b'deċiżjoni finali, miżura, jew intervent ieħor, għajr f'każijiet meta qorti oħra tiddeċiedi dwar il-protezzjoni ta' dawn id-drittijiet u l-libertajiet fundamentali.

Apparti d-dettalji ġenerali, ir-rikors għandu jindika:

liema drittijiet jew libertajiet fundamentali nkisru, skont ir-rikorrent;

id-deċiżjoni finali, miżura jew intervent ieħor li kiser id-drittijiet jew il-libertajiet fundamentali;

min hu l-intimat.

Kopja tad-deċiżjoni finali jew tad-dokument li jiddeskrivi l-miżura, jew evidenza ta' xi intervent ieħor tiġi mehmuża mar-rikors. Jekk ir-rikorrent qed jippretendi danni finanzjarji proporzjonati, dan għandu jiddikjara l-ammont mitlub u r-raġunijiet għalfejn qed jippretendihom. Il-parteċipanti fil-proċedimenti huma ir-rikorrent u l-intimat. It-tressiq tar-rikors ma għandux effett ta' sospensjoni.

Fuq suġġeriment tar-rikorrent, il-Qorti Kostituzzjonali tista' tiddeċiedi fuq miżura temporanja u tipposponi l-eżekuzzjoni tad-deċiżjoni finali, miżura jew intervent ieħor ikkontestat, jekk dan il-kors ta' azzjoni mhuwiegħ f'kunflitt ma' interess pubbliku importanti u jekk l-eżekuzzjoni tad-deċiżjoni, miżura jew intervent ieħor ikkontestat ma tkunx iġġib magħha dannu akbar għar-rikorrent milli jkun iġġarrab għall-persuni l-oħra fl-eventwalità ta' posponiment tal-

eżekuzzjoni; b'mod partikolari, din tordna lill-korp li skont ir-rikorrent kiser id-drittijiet jew il-libertajiet fundamentali tar-rikorrent sabiex jieqaf b'mod temporanju milli jimplimenta d-deċiżjoni, miżura jew intervent ieħor finali, u tordna partijiet terzi sabiex jieqfu b'mod temporanju milli jużaw l-awtorizzazzjoni mogħtija lilhom bid-deċiżjoni, miżura jew intervent ieħor finali. Il-miżura temporanja tiskadi, mhux aktar tard minn meta tidħol fis-seħħ id-deċiżjoni dwar il-kwistjoni ewlenija, sakemm il-Qorti Kostituzzjonali ma tkunx iddeċidiet li twaqqafha qabel. Il-miżura temporanja tista' wkoll titwaqqaf b'mozzjoni tal-Qorti stess, jekk ir-raġunijiet li għalihom kienet esposta ma jkunx għadhom jeżistu.

Rikors mhux ammissibbli sakemm ir-rikorrent ma jkunx għamel użu mir-rimedji legali jew minn mezzi legali oħra li tagħtih b'mod effettiv il-liġi għall-protezzjoni tad-drittijiet jew il-libertajiet fundamentali tiegħu, u li r-rikorrent huwa intitolat juża f'konformità mal-leġislazzjoni speċjali. Il-Qorti Kostituzzjonali ma tirrifjutax li taċċetta rikors anke meta din il-kundizzjoni ma tkunx intlaħqet, kemm-il darba r-rikorrent jipprova li r-raġunijiet li minħabba fihom ma ntlaħqitx jixriqilhom kunsiderazzjoni speċjali. Rikors jista' jittressaq fi żmien perjodu ta' xahrejn mid-data effettiva tad-deċiżjoni jew fid-data tan-notifika tal-miżura jew ta' intervent ieħor. Fil-każ ta' miżura jew intervent ieħor, dan il-perjodu jibda jiddekorri minn dakinhar meta r-rikorrent kien f'pożizzjoni li jsir jaf bil-miżura, jew intervent ieħor.

Jekk ir-rikorrent jirtira r-rikors tiegħu, il-Qorti Kostituzzjonali twaqqaf il-proċedimenti relatati miegħu, ħliet f'każijiet li tiddeċiedi li l-irtirar mhux ammissibbli, u speċjalment meta r-rikors huwa mressaq kontra deċiżjoni finali, miżura jew intervent ieħor li huwa ksur eċċezzjonalment gravi tad-drittijiet jew il-libertajiet fundamentali tar-rikorrent.

Il-Qorti Kostituzzjonali tipproċedi abbażi tal-fatti murija matul il-proċedimenti ta' qabel, kemm-il darba ma tkunx iddeċidiet mod ieħor.

Jekk il-Qorti Kostituzzjonali tippermetti r-rikors, fis-sejbiet tagħha trid tiddikjara: id-dritt jew il-libertà fundamentali, id-dispożizzjonijiet tal-Kostituzzjoni jew tal-liġi kostituzzjonali jew ta' konvenzjoni internazzjonali li nksiret; u d-deċiżjoni finali, miżura jew intervent ieħor li kiser id-drittijiet jew il-libertajiet fundamentali. Jekk id-dritt jew il-libertà fundamentali nksiret b'deċiżjoni jew miżura, il-Qorti Kostituzzjonali tannulla dik id-deċiżjoni jew il-miżura. Il-Qorti Kostituzzjonali tannulla wkoll kull intervent ieħor li kiser dritt jew libertà fundamentali, jekk in-natura ta' intervent bħal dan tippermetti dan.

Jekk il-Qorti Kostituzzjonali tippermetti r-rikors, din tista':

tordna li l-parti li bl-inattività tagħha kisret dritt jew libertà fundamentali, filwaqt li għandha tagħxi f'din il-kwistjoni f'konformità mal-leġislazzjoni speċjali;

tibgħat lura l-każ għal aktar proċedimenti;

tipprojbixxi li jissokta l-ksur tad-drittijiet jew il-libertajiet fundamentali; jew

tordna lill-parti li kisret id-dritt jew il-libertà fundamentali sabiex treġġa' lura s-sitwazzjoni kif kienet qabel inkiser id-dritt jew il-libertà fundamentali.

Il-Qorti Kostituzzjonali tista' taqta' li jitħallsu danni finanzjarji raġonevoli lill-parti li jkun inkisrilha dritt jew libertà fundamentali. Jekk il-Qorti Kostituzzjonali tiddeċiedi li taqta' li jitħallsu danni finanzjarji raġonevoli, il-korp li kiser id-dritt jew il-libertà fundamentali huwa responsabbli li jħallsu lill-rikorrent fi żmien xahrejn mid-data effettiva tad-deċiżjoni tal-Qorti Kostituzzjonali. Jekk il-Qorti Kostituzzjonali tannulla deċiżjoni finali, miżura jew intervent ieħor u tibgħat lura l-każ għal aktar proċedimenti, il-parti li ħarġet id-deċiżjoni f'din il-kwistjoni jew li ddeċidiet fuq il-miżura, jew li għamlet xi intervent ieħor, għandha tkun mitluba tiddiskuti l-kwistjoni mill-ġdid u tasal għal deċiżjoni. F'dawn il-proċedimenti jew matul dan il-proċess, il-parti hija marbuta bl-opinjoni legali tal-Qorti Kostituzzjonali. Il-parti li ħarġet id-deċiżjoni f'din il-kwistjoni, jew li ddeċidiet fuq il-miżura, jew li għamlet xi intervent ieħor hija marbuta bid-deċiżjoni li tiġi eżegwita meta din tingħata.

Istituzzjonijiet Nazzjonali dwar id-Drittijiet tal-Bniedem

Iċ-Ċentru Nazzjonali Slovakk għad-Drittijiet tal-Bniedem

Kýčerského 5

811 05 Bratislava

SLOVAKIA

Tel.: + 421 2 20850111

+ 421 2 20850114

Faks: + 421 2 20850135

Email: info@snslp.sk

Websajt: <https://www.snslp.sk>

Iċ-Ċentru Nazzjonali Slovakk għad-Drittijiet tal-Bniedem, stabbilit skont l-Att Nru 308/1993 tal-Kunsill Nazzjonali tar-Repubblika Slovakkja dwar it-twaqqif taċ-Ċentru Nazzjonali Slovakk għad-Drittijiet tal-Bniedem, kif emendat, ilu jopera fis-Slovakkja b'effett mill-1 ta' Jannar 1994. L-abbozz tal-liġi tressaq mill-gvern tar-Repubblika Slovakkja abbażi tar-Riżoluzzjoni tal-Gvern Slovakk Nru 430 tal-15 ta' Ġunju 1993, li permezz tagħha l-gvern ta kunsens għall-implimentazzjoni ta' "proġett li jistabbilixxi iċ-Ċentru Nazzjonali Slovakk għad-Drittijiet tal-Bniedem" ibbażat fi Bratislava, wara inizjattiva min-Nazzjonijiet Uniti. B'adozzjoni tal-Att Nru 136/2003 li jemenda u jissupplimenta l-Att Nru 308/1993 taċ-Ċentru Nazzjonali tar-Repubblika Slovakkja dwar l-istabbiliment taċ-Ċentru Nazzjonali Slovakk għad-Drittijiet tal-Bniedem, u l-Att Nru 365/2004 dwar it-trattament indaqs f'ċerti oqsma, dwar il-protezzjoni kontra d-diskriminazzjoni u dwar l-emenda u s-supplimentazzjoni ta' ċerti atti (l-Att Kontra d-Diskriminazzjoni), ħidmet iċ-Ċentru twessgħet. Hija entità ġuridika ġuridika indipendenti fil-qasam tal-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u tal-libertajiet fundamentali, inklużi d-drittijiet tat-tfal.

Iċ-Ċentru bħala entità ġuridika ġuridika indipendenti, jaqdi rwol indispensabbli fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem u tal-libertajiet fundamentali, inklużi d-drittijiet tat-tfal u l-osservanza tal-prinċipju tat-trattament indaqs. Iċ-Ċentru huwa l-uniku istituzzjoni Slovakkja għad-drittijiet ugwal (il-"korp nazzjonali għall-ugwaljanza" maħtur), jiġifieri li tivvaluta l-osservanza tal-prinċipju tat-trattament indaqs skont l-Att Kontra d-Diskriminazzjoni.

Il-Kompetenza

L-istatus legali u l-kompetenza taċ-Ċentru huma rregolati bl-Att Nru 308/1993 taċ-Ċentru Nazzjonali tar-Repubblika Slovakkja dwar l-istabbiliment taċ-Ċentru Nazzjonali Slovakk għad-Drittijiet tal-Bniedem ("iċ-Ċentru"), kif emendat. B'mod partikolari, skont it-Taqsima 1(2) tal-Att, iċ-Ċentru:

jissorvelja u jivvaluta l-osservanza tad-drittijiet tal-bniedem u l-konformità mal-prinċipju tat-trattament indaqs skont il-leġislazzjoni speċjali;

jiġbor u, fuq talba, jagħti informazzjoni dwar ir-rażziżmu, il-ksenofobija u l-anti-Semitiżmu fir-Repubblika Slovakkja;

iwettaq investigazzjonijiet u s'fħarriġiet dwar id-dispożizzjoni tal-informazzjoni fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem, u jiġbor u jxerred informazzjoni f'dan il-qasam;

iħeġġi attivitajiet edukattivi u jieħu sehem f'kampanji ta' informazzjoni sabiex tiżied it-tolleranza fis-soċjetà;

jagħti assistenza legali lill-vittmi ta' diskriminazzjoni u manifestazzjonijiet ta' intolleranza;

fuq talba tal-individwi jew l-entitajiet ġuridiki ġuridiki, jew fuq inizjattiva tiegħu, joħroġ opinjonijiet tal-esperti dwar kwistjonijiet tal-osservanza tal-prinċipju tat-trattament indaqs f'konformità mal-leġislazzjoni speċjali;

iwettaq s'fħarriġiet indipendenti dwar id-diskriminazzjoni;

iħeġġi u jippubblika rapporti u rakkomandazzjonijiet dwar kwistjonijiet relatati mad-diskriminazzjoni;

jipprovdi servizzi ta' librerija;

jipprovdi servizzi fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem.

Iċ-Ċentru huwa involut fid-dispożizzjoni tal-avviż legali dwar kwistjonijiet ta' diskriminazzjoni, manifestazzjonijiet ta' intolleranza, u ksur tal-prinċipju tat-trattament indaqs għar-residenti kollha fir-Repubblika Slovakkja; dan għandu s-setgħa legali, fuq talba, li jirrappreżenta partijiet fi proċedimenti relatati mal-ksur tal-prinċipju tat-trattament indaqs. Kull sena, iċ-Ċentru jippubblika rapport dwar l-osservanza tad-drittijiet tal-bniedem fir-Repubblika Slovakkja.

Is-setgħat

jagħti assistenza legali lill-vittmi ta' diskriminazzjoni u intolleranza;

abbażi ta' prokura, jirrappreżenta fi proċedimenti relatati mal-ksur tal-prinċipju tat-trattament indaqs;

għandu dritt jittlob li l-qrati jew l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku jew awtoritajiet statali oħra, awtoritajiet tal-gvern lokali, korpi b'interess speċjali jew istituzzjonijiet oħra jipprovdu liċ-Ċentru b'informazzjoni dwar l-osservanza tad-drittijiet tal-bniedem, fi żmien stabbilit.

L-assistenza mogħtija

Kull individwu jew entità ġuridika/ġuridika li jidhrilha li kienet diskriminata kontra l-azzjoni jew l-inazzjoni ta' xi waħda mill-istituzzjonijiet imsemmija hawn fuq, tista' tirrikorri fiċ-Ċentru. Meta jressaq ilment, l-ilmentatur għandu jinkludi l-informazzjoni kollha meħtieġa u jippreżenta d-dokumenti kollha rilevanti.

Il-Kooperazzjoni

Iċ-Ċentru jista' jittlob informazzjoni wkoll dwar l-osservanza tad-drittijiet tal-bniedem minn organizzazzjonijiet mhux governattivi li joperaw fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali, inklużi d-drittijiet tat-tfal u jista' jilħaq ftehim magħhom dwar il-metodu u safejn għandha tkun disponibbli din l-informazzjoni.

Il-proċedura biex jitressaq ilment

Iċ-ċittadini jistgħu jressqu lmenti:

bil-miktub (fuq [formula](#) u bid-dokument mibgħut bil-posta, bil-faks, jew bl-email);

personalment.

Ombudsperson

L-Ombudsman

Nevádzova 5

821 01 Bratislava

SLOVAKIA

Tel.: +421 2 48287401

+421 2 43634906

Faks: +421 2 48287203

Email: sekretariat@vop.gov.sk

Websajt: <https://vop.gov.sk>

Skont l-Artikolu 151a(1) tal-Kostituzzjoni tar-Repubblika Slovakkja, "id-Difensur Pubbliku tad-Drittijiet huwa

korpi indipendenti tar-Repubblika Slovakkja li, fil-kamp ta' applikazzjoni u kif stabbilit bil-liġi, **jiproteġi d-drittijiet u l-libertajiet fundamentali** ta' individwi u entitajiet ġuridiċi/ġuridiċi fi proċedimenti quddiem korpi tal-amministrazzjoni pubblika u awtoritajiet pubbliċi oħrajn, jekk l-azzjoni, it-teħid ta' deċiżjoni jew l-inazzjoni tagħhom tkun f'kunflitt mal-liġi. F'każijiet stabbiliti bil-liġi, id-Difensur Pubbliku tad-Drittijiet jista' jkollu rwol li jżomm responsabbli lil kwalunkwe persuna li taħdem fil-korpi tal-amministrazzjoni pubblika, jekk it-tali persuni jkunu kisor d-drittijiet bażiċi tal-bniedem jew il-libertajiet ta' individwi jew entitajiet ġuridiċi. L-awtoritajiet pubbliċi kollha għandhom jagħtu l-assistenza meħtieġa lid-Difensur Pubbliku tad-Drittijiet."

Id-Difensur Pubbliku tad-Drittijiet **jista' jiġi kkuntattat minn kull persuna** li jidhrilha li d-drittijiet u l-libertajiet fundamentali tagħha nkisru minħabba l-azzjoni, it-teħid ta' deċiżjoni jew l-inazzjoni ta' awtorità pubblika, b'mod li huwa kontra l-liġi jew il-prinċipji ta' stat demokratiku rregolat bil-liġi. Id-drittijiet u l-libertajiet fundamentali li d-Difensur Pubbliku tad-Drittijiet għandu rwol jiddefendihom huma stabbiliti fit-Titolu 2 tal-Kostituzzjoni tar-Repubblika Slovakkja (jiġifieri d-drittijiet u l-libertajiet fundamentali tal-bniedem fl-Artikoli 14 sa 25, id-drittijiet politiċi fl-Artikoli 26 sa 32, id-drittijiet ta' minoranzi nazzjonali u gruppi etniċi fl-Artikoli 33 sa 34, id-drittijiet ekonomiċi, soċjali u kulturali fl-Artikoli 35 sa 43, id-dritt tal-protezzjoni tal-wirt ambjentali u kulturali fl-Artikoli 44 sa 45, id-dritt ta' protezzjoni ġudizzjarja u ta' protezzjoni legali oħra fl-Artikoli 46 sa 50, id-dritt ta' ažiil ta' ċittadini barranin ippersegwitati għall-eżerċizzju tad-drittijiet u l-libertajiet politiċi), kif ukoll f'konvenzjonijiet internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali.

Id-Difensur Pubbliku tad-Drittijiet **jagħbi abbażi ta' lment** minn individwu jew entità ġuridika jew fuq inizjattiva tiegħu stess. Id-Difensur Pubbliku tad-Drittijiet ma jistax jinterferixxi fl-attivitàjiet tat-teħid ta' deċiżjonijiet tal-qrati, mhuwiex parteċipanti fil-proċedimenti u ma jistax jippreżenta applikazzjoni biex jistitwixxi proċedimenti quddiem qorti; id-deċiżjonijiet tal-qorti ma jintbagħtux għandu, u dan ma għandux dritt jeżerċita rimedji legali. Id-Difensur Pubbliku tad-Drittijiet ma għandux l-awtorità li jsovi tilwimiet bejn individwi.

Kull persuna għandha d-dritt li tirrikorri għand id-Difensur Pubbliku tad-Drittijiet:

bil-miktub (bil-posta, bil-faks, bl-email, jew bil-formula elettronika)

lill-Uffiċċju tad-Difensur Pubbliku tad-Drittijiet

personalment jew bi prova bil-miktub ta' lment orali

fl-Uffiċċju ċentrali tad-Difensur Pubbliku tad-Drittijiet matul jum tax-xogħol bejn it-8 a.m. u l-4 p.m., mingħajr il-ħtieġa ta' appuntament;

matul jiem tax-xogħol fir-reġjuni tas-Slovakkja. Għall-uffiċċji reġjonali, għandu jsir appuntament minn qabel permezz ta' wieħed min-numri ta' kuntatt.

L-ilment għandu jindika b'mod ċar il-kwistjoni, l-awtorità pubblika li qed issir l-allegazzjoni kontriha, u x'qed jiddikjara dak li qed iressaq l-ilment.

Sabiex tiġi iħaffef l-investigazzjoni tal-ilment, huwa rrakkomandat li l-kopji tad-dokumenti kollha disponibbli għal min ressaq l-ilment għandhom ikunu mehmuża wkoll bħala prova tal-ilmenti tiegħu. Jekk l-ilment ma jikkonċernax lil min ressaq, għandha jiġi ppreżentat il-kunsens bil-miktub tal-parti affettwata sabiex ikun jista' jressaq l-ilment, jew prokura bil-miktub għal dan il-għan.

Jekk min qed iressaq l-ilment ma jagħti ismu, kunjomu u l-indirizz tiegħu (fil-każ ta' entità ġuridika, isimha u l-indirizz tal-uffiċċju tagħha) fl-ilment indirizzat lid-Difensur Pubbliku tad-Drittijiet, dan ikun ilment anonimu li d-Difensur Pubbliku tad-Drittijiet mhux obligat jikkonsidra. Min qed iressaq l-ilment jista' jittlob lid-Difensur Pubbliku tad-Drittijiet sabiex dan ma jiżvelax l-identità tiegħu. F'dawn il-każijiet, id-Difensur Pubbliku tad-Drittijiet jipproċedi biss skont kopja tal-ilment li fiha ma jingħataw id-dettalji personali. Jekk min qed iressaq l-ilment talab li tinsart l-identità tiegħu, iżda n-natura tal-ilment hija tali li ma jkunx jista' jiġi indirizzat mingħajr xi dettalji personali inklużi, il-persuna kkonċernata għandha tiġi mgħarrfa b'dan mingħajr dewmien.

Il-persuna kkonċernata għandha wkoll tiġi mwissija li l-ipproċessar tal-ilment jissokta biss jekk din tagħti kunsens bil-miktub, fi żmien stipulat, sabiex tiġi inkluża informazzjoni personali li hija meħtieġa.

Id-Difensur Pubbliku tad-Drittijiet jeżamina l-ilment.

Jekk id-Difensur Pubbliku tad-Drittijiet isib li l-Ilment, fid-dawl tal-kontenut tiegħu, huwa rimedju legali skont il-leġiżlazzjoni dwar il-proċedura fi kwistjonijiet amministrattivi jew ġudizzjarji, jew petizzjoni jew rimedju legali skont ġudikatura amministrattiva, jew rikors kostituzzjonali, dan jgħarraf b'dan minnufih lilmin ressaq l-Ilment u jagħti istruzzjonijiet dwar il-proċedura korretta.

Jekk id-Difensur Pubbliku tad-Drittijiet jagħraf ċirkostanzi li qed jissuġġerixxu li persuna qed tkun miżmuma kontra l-liġi f'post ta' detenzjoni, priġunerija, kastig dixxiplinarju għas-soldati, trattament preventiv, edukazzjoni preventiva, trattament istituzzjonali jew edukazzjoni istituzzjonali, jew f'ċella tal-pulizija, dan għandu jgħarraf b'dan minnufih lill-Prosekutur Pubbliku rilevanti bħala lment li qed isejjaħ għal azzjoni f'konformità mal-leġiżlazzjoni speċjali, u għandu jgħarraf lill-amministrazzjoni tal-post inkwistjoni, u lill-persuna kkonċernata.

Jekk l-Ilment għandu x'jaqsam ma' investigazzjoni ta' deċiżjoni finali ta' awtorità pubblika, jew jekk id-Difensur Pubbliku tad-Drittijiet jasal għall-konklużjoni li d-deċiżjoni tal-awtorità pubblika tmur kontra l-liġi jew kontra xi regolament ġuridiku ieħor li ġeneralment jorbot, dan jista' jirreferi l-kwistjoni lill-Prosekutur Pubbliku rilevanti għal azzjoni, jew jista' jieħu xi miżura oħra, filwaqt li jgħarraf b'dan lil min ressaq l-Ilment. Huwa jista' jagħmel l-istess fil-każ ta' lment li jkun fih proposti għal miżuri li jaqgħu taħt l-awtorità tal-Uffiċċju tal-Prekursur Pubbliku. Il-Prekursur Pubbliku jeħtieġu jgħarraf, fiż-żmien preskritt bil-liġi, lid-Difensur Pubbliku tad-Drittijiet bil-miżura li ħa sabiex ineħħi l-illegalità.

Id-Difensur Pubbliku tad-Drittijiet iwarabb l-Ilment, jekk

il-kwistjoni li jirreferi għaliha l-Ilment ma taqax taħt l-awtorità tiegħu;

il-kwistjoni li jirreferi għaliha l-Ilment qed tinstema' quddiem qorti u l-proċedimenti ma jstgħu jkunu aġġornati, jew il-qorti diġà tat id-deċiżjoni tagħha dwar din il-kwistjoni;

il-kwistjoni li jirreferi għaliha l-Ilment tkun qed tiġi eżaminata jew tkun diġà ġiet eżaminata mill-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku;

fil-kwistjoni li jirreferi għaliha l-Ilment, qed tittieħed azzjoni jew qed tintlaħaq deċiżjoni dwarha minn awtorità pubblika kompetenti, li ma taqax taħt il-kompetenza tad-Difensur Pubbliku tad-Drittijiet; jew, il-kwistjoni li jirreferi għaliha l-Ilment, diġà ngħatat deċiżjoni dwarha minn awtorità pubblika li ma taqax taħt il-kompetenza tad-Difensur Pubbliku tad-Drittijiet;

min ressaq l-Ilment jirtira l-Ilment tiegħu jew juri li mhux jinsisti għal aktar investigazzjoni; jew

id-dettalji msemmija fit-Taqsima 13(4) ma jkunux ingħataw jew ġew speċifikati fiż-żmien preskritt.

Id-Difensur Pubbliku tad-Drittijiet jista' jwarrab l-Ilment, jekk isib li:

l-Ilment ma jkollux x'jaqsam mal-persuna li ressqitu, sakemm min ressqo ma jkunx ressaq il-kunsens bil-miktub tal-parti affettwata sabiex ikun jista' jressaq l-Ilment, jew prokura bil-miktub għal dan il-għan.

fid-data meta jitwassal l-Ilment, ikunu għaddew aktar minn tliet snin mill-miżura jew mill-każ li qed jirreferi għalihom l-Ilment;

it-talba tidher li hija bla bażi;

l-Ilment huwa anonimu;

ikun ilment li jirreferi għal kwistjoni li d-Difensur Pubbliku tad-Drittijiet ikun diġà kkonSIDra, u l-Ilment ripetut ma fih ebda fatti ġodda.

Id-Difensur Pubbliku tad-Drittijiet jgħarraf lil min ressaq l-Ilment li l-Ilment twarrab u r-raġunijiet għalfejn sar dan; iżda dan ma japplikax għal ilmenti anonimi.

Jekk l-Investigazzjoni tal-Ilment ma tipprovax li nkisru drittijiet jew libertajiet fundamentali, id-Difensur Pubbliku tad-Drittijiet jirrapporta dan bil-miktub lil min ressaq l-Ilment u lill-awtorità pubblika li l-Ilment tressaq kontra l-proċedura, it-teħid ta' deċiżjoni jew l-inattività tagħha.

Jekk l-Investigazzjoni tal-Ilment tipprova li nkisru drittijiet jew libertajiet fundamentali, id-Difensur Pubbliku tad-Drittijiet jirrapporta s-sejbiet tal-investigazzjoni, kif ukoll il-miżura proposta lill-awtorità pubblika li tressaq l-Ilment kontra l-proċedura, it-teħid ta' deċiżjoni jew l-inattività tagħha.

L-awtorità pubblika hija mitluba, fi żmien 20 jum minn meta tirċievi l-azzjoni, li tavża lid-Difensur Pubbliku bl-opinjoni tiegħu dwar is-sejbiet tal-investigazzjoni u bil-miżura li ttieħdet.

Jekk id-Difensur Pubbliku tad-Drittijiet ma jaqbilx mal-opinjoni tal-awtorità pubblika, jew jekk jidher li l-miżura mhix adegwata, huwa għandu jgħarraf b'dan lill-korp b'awtorità fuq l-awtorità pubblika li l-Ilment tressaq kontriha jew, jekk ma hemmx dan il-korp, lill-gvern tar-Repubblika Slovakka.

Il-korp b'awtorità fuq l-awtorità pubblika li tressaq l-Ilment kontriha jew, jekk ma hemmx dan il-korp, il-gvern tar-Repubblika Slovakka jeħtieġ skont il-paragrafu 3 li jgħarraf lid-Difensur Pubbliku tad-Drittijiet, fi żmien 20 jum minn meta jirċievi n-notifika, bil-miżuri li ħa f'din il-kwistjoni.

Jekk lid-Difensur Pubbliku tad-Drittijiet iqs li l-miżuri li ttieħdu mhumiex adegwati, huwa għandu jgħarraf b'dan lill-Kunsill Nazzjonali tar-Repubblika Slovakka jew lil korp awtorizzat minnu.

Notifika bil-miktub dwar ir-riżultati tal-investigazzjoni u l-miżuri li ttieħdu tintbagħat mid-Difensur Pubbliku tad-Drittijiet lil min ressaq l-Ilment u lill-persuna li nkisru d-drittijiet u l-libertajiet fundamentali tagħha bl-azzjoni, it-teħid ta' deċiżjoni jew l-inattività tal-awtoritajiet pubbliċi.

Entitajiet speċjalizzati dwar id-drittijiet tal-bniedem

Entità dwar l-Ugwaljanza

Iċ-Ċentru Nazzjonali Slovakk għad-Drittijiet tal-Bniedem

Kýčerského 5

811 05 Bratislava

SLOVAKIA

Tel.: + 421 2 20850111

+ 421 2 20850114

Faks: + 421 2 20850135

Email: info@snslp.sk

Websajt: <https://www.snslp.sk>

Entità dwar il-Protezzjoni tad-Dejta

L-Uffiċċju għall-Protezzjoni tad-Dejta Personali tar-Repubblika Slovakka ("l-Uffiċċju"), bħala korp statali, jaqdi rwol biex jiproteġi d-drittijiet u l-libertajiet fundamentali ta' individwi matul l-ipproċessar tad-dejta personali tagħhom. Dan iwettaq ħidmietu u dmirijietu b'mod indipendenti u skont il-liġi. Primarjament, ħidmietu huma dawn li ġejjin:

jisservelja kontinwament il-qagħda tal-protezzjoni tad-dejta personali, ir-reġistrazzjoni tas-sistemi ta' informazzjoni u jżomm reġistri dwar is-sistemi ta' informazzjoni;

jirakkomanda miżuri lill-operaturi sabiex tkun protetta d-dejta personali fis-sistemi ta' informazzjoni; għal dan il-għan u safejn jippermettulu setgħatu, joħroġ rakkomandazzjonijiet għall-operaturi;

joħroġ opinjonijiet li jorbtu fil-każ ta' dubju dwar jekk il-kamp ta' applikazzjoni, il-kontenut u l-metodi tal-ipproċessar u l-użu ta' dejta personali humiex proporzjonati mal-għan li qed jiġu pproċessati għalih, humiex kompatibbli ma' dan il-għan jew humiex rilevanti b'mod kronoloġiku jew materjali għal dan il-għan;

joħroġ opinjonijiet li jorbtu fil-każ ta' dubji dwar il-flussi transkonfinali ta' dejta personali;

joħroġ opinjonijiet li jorbtu fil-każ ta' dubji dwar ir-reġistrazzjoni ta' sistema ta' informazzjoni;

jinvestiga notifikati mressqa skont it-Taqsima 45, jew atti meta mitluba jew fuq inizjattiva tiegħu stess skont it-Taqsima 44a, u jordna miżuri ta' rimedju sabiex jissolvew in-nuqqasijiet;

malli jissuspetta ksur tal-obbligi imposti minn dan l-Att, jista' jsejjaħ operatur jew proċessur sabiex jittlob spjegazzjoni;

jiċċekkja l-ipproċessar ta' dejta personali f'sistemi ta' informazzjoni;

jimponi pieni meta jinstab ksur tal-obbligi stabbiliti f'dan l-Att;

iressaq notifika lill-aworitajiet kriminali meta jissuspetta li jkun twettaq att kriminali;

jirreġistra sistemi ta' informazzjoni u jiżvela l-istatus tar-reġistrazzjoni;

jieħu sehem fl-abbozzar ta' leġiżlazzjoni dwar il-protezzjoni tad-dejta personali;

joħroġ leġiżlazzjoni safejn jippermettulu setgħatu;

jieħu pożizzjonijiet dwar abbozzi ta' liġijiet u abbozzi oħrajn ta' leġiżlazzjoni li tirregola l-ipproċessar tad-dejta personali;

iressaq rapporti lill-Kunsill Nazzjonali tar-Repubblika Slovakkja mill-anqas kull sentejn dwar il-qagħda tal-protezzjoni tad-dejta personali.

Oħrajn

Iċ-Ċentru għall-Għajnuna Legali

Námestie slobody 12

P.O. BOX 18

810 05 Bratislava 15

Tel: +421 2 49683521

+421 2 49683522

Faks: +421 2 49683520

Email: info@centrumpravnejpomoci.sk

Websajt: <https://www.centrumpravnejpomoci.sk>

Sa mill-1 ta' Jannar 2006, iċ-

Ċentru għall-Għajnuna Legali kien qed jopera fir-Repubblika Slovakkja. Huwa ġie stabbilit bħala organizzazzjoni b'baġit statali bil-kwartieri ġenerali tiegħu fi Bratislava f'konformità mal-Att Nru 327/2005 dwar id-dispożizzjoni tal-għajnuna legali lil persuni bi bżonn materjali. Iċ-Ċentru għandu uffiċċju jew fergħat fi kważi kull belt reġjonali tar-Repubblika Slovakkja, bl-eċċezzjoni ta' Nitra u Trnava (jiġifieri fi Bratislava, Banská Bystrica, Žilina, Košice u Prešov), u f'muniċipalitajiet Slovakkji oħrajn (Liptovský Mikuláš, Tvrdošín, Humenné, Hlohovec, Rimavská Sobota, Nové Zámky u Svidník).

Iċ-Ċentru jiżgura li l-għajnuna legali tingħata lil individwi li, minħabba li għandhom bżonn materjali, ma jistgħux jużaw servizzi legali għad-dikjarazzjoni u l-protezzjoni kif xieraq tad-drittijiet tagħhom. Iċ-Ċentru jiżgura li l-għajnuna legali tingħata fi kwistjonijiet ċivili, dwar ix-xogħol u tal-liġi tal-familja għal kull individwu li jilħaq ir-rekwiżiti legali (tilwim fis-Slovakkja). F'tilwim transkonfinali, dan jagħti għajnuna legali fi kwistjonijiet ċivili, dwar ix-xogħol u tal-liġi tal-familja u fi kwistjonijiet tal-liġi kummerċjali, skont din il-liġi, għal kull individwu li jilħaq ir-rekwiżiti legali li għandu l-post ta' residenza tiegħu jew il-post tas-soltu ta' residenza tiegħu fit-territorju ta' Stat Membru tal-UE.

Għal applikanti għall-għajnuna legali f'każijiet li fihom element ta' diskriminazzjoni, iċ-Ċentru għall-Għajnuna Legali ("iċ-Ċentru") jaqdi rwol li jirkeb fuq ir-rwol taċ-Ċentru Nazzjonali Slovakk għad-Drittijiet tal-Bniedem, li permezz tiegħu dan jikkomunika fuq kwistjonijiet relatati ma' applikanti bħal dawn. L-avukati taċ-Ċentru jiltaqgħu mal-kwistjoni ta' diskriminazzjoni primarjament fil-kuntest ta' diskriminazzjoni dwar l-impjeggi għar-raġunijiet ta' etniċità.

Individwu **huwa intitolat jirċievi għajnuna legali** jekk għandu bżonn materjali u jekk it-tilwim ma jidherx li huwa inutli u l-valur tat-talba jaqbeż il-valur tal-paga minima, ħlief f'tilwimiet li fihom il-valur tat-talba ma jistax jiġi smat fi flus. L-individwu jrid jilħaq ir-rekwiżiti għal għajnuna legali li jissemmew hawn fuq matul il-perjodu tal-għajnuna legali. Jekk id-dħul tal-applikant jaqbeż il-limitu preskritt bil-liġi għal bżonn materjali, iċ-Ċentru jista' jagħti għajnuna legali jekk din tkun xierqa fiċ-ċirkostanzi tal-għajnuna legali mitluba.

Il-proċedura biex tintalab għajnuna legali ("il-proċedimenti") tibda meta titressaq applikazzjoni bil-miktub flimkien mad-dokumenti li juru l-fatti msemmija fl-applikazzjoni, li l-applikant iressaq fuq formula stampata. Id-dokumenti li juru li l-applikant jinsab f'qagħda ta' bżonn materjali ma jridux ikunu antiki aktar minn tliet xhur. L-applikazzjoni jrid ikun fiha l-isem u l-kunjom tal-applikant, il-post ta' residenza permanenti jew temporanju tiegħu u n-numru tar-reġistrazzjoni tat-twelid. Meta jintalab miċ-Ċentru, l-applikant fi żmien raġonevoli stabbilit miċ-Ċentru, irid jagħti aktar informazzjoni u dokumenti li jikkonċernaw fatti kruċjali għall-valutazzjoni tat-talba; iż-żmien allokat għal dan ma jridx ikun anqas minn għaxart ijiem. L-applikant huwa parti għall-proċedimenti. L-applikazzjoni titressaq lill-uffiċċju xieraq taċ-Ċentru, skont il-post ta' residenza permanenti jew temporanju tal-applikant. L-applikant jeħtieġu jagħti informazzjoni sħiħa u korretta fl-applikazzjoni u fil-konsultazzjoni preliminari. Fi żmien 30 jum minn meta titwassal l-applikazzjoni li jkun fiha d-dettalji mitluba bil-liġi, iċ-Ċentru jasal għal deċiżjoni dwar l-applikazzjoni; dan iż-żmien ma jistax ikun estiż. Ma jintlaqgħux appelli kontra d-deċiżjoni. F'deċiżjoni li tippermetti talba għall-għajnuna legali, iċ-Ċentru jaħtar avukat biex jirrappreżenta fil-qorti lill-persuna intitolata, jekk dan ikun meħtieġ għall-protezzjoni tal-interessi tagħha. Deċiżjoni li ma tippermettix talba għall-għajnuna legali trid tkun tinkludi, minbarra d-dettalji meħtieġa mil-leġiżlazzjoni speċjali, spjegazzjoni li jekk ma jibqgħux jeżistu r-raġunijiet għalfejn it-talba ma tħallietx issir, l-applikant jista' jressaq mill-ġdid applikazzjoni dwar l-istess kwistjoni. Jekk, minħabba n-nuqqas ta' għoti ta' assistenza mill-persuna intitolata, id-dispożizzjoni tal-għajnuna legali ġiet miċħuda lill-persuna intitolata b'deċiżjoni taċ-Ċentru, jew jekk il-persuna intitolata waqqfet il-proċedimenti mingħand ġustifikazzjoni, iċ-Ċentru jista' għal dawn ir-raġunijiet, b'deċiżjoni tiegħu, ma jaċċettax li terġa' ssir it-talba biex tingħata għajnuna legali.

It-Taqsimiet 17 sa 21 tal-Att Nru 327/2005 jirregolaw **l-għoti ta' għajnuna legali f'tilwimiet transkonfinali fejn il-qorti ġudizzjarja kompetenti hija qorti fir-Repubblika Slovakkja**, u t-Taqsimiet 22 sa 24c tal-Att Nru 327/2005 jirregolaw **l-għoti ta' għajnuna legali f'tilwimiet transkonfinali fejn il-qorti ġudizzjarja kompetenti hija qorti fi Stat Membru ieħor ħlief ir-Repubblika Slovakkja**.

Iċ-Ċentru Għall-Protezzjoni Legali Internazzjonali tat-Tfal u ż-Żgħażaġħ

Špitálska 8

P.O. Box 57

814 99 Bratislava

Tel.: + 421 2 20463208

+421 2 20463248

Faks: + 421 2 20463258

Email: info@cipc.gov.sk

Websajt: <https://www.cipc.gov.sk>

Iċ-Ċentru Għall-Protezzjoni Legali Internazzjonali tat-Tfal u ż-Żgħażaġħ ("iċ-Ċentru") huwa awtorità pubblika b'kompetenza fit-territorju tar-Repubblika Slovakkja. Iċ-Ċentru ġie stabbilit mill-Ministeru tax-Xogħol, l-Affarijiet Soċjali u l-Familja tar-Repubblika Slovakkja b'effett mill-1 ta' Frar 1993 bħala l-organizzazzjoni li tmexxi direttament il-baġit biex tkun żgurata u tingħata għajnuna legali għat-tfal u ż-żgħażaġh fir-rigward tal-pajjiżi barranin.

Il-kompetenza ta' Ċentru hija definita mill-Att Nru 305/2005 dwar il-protezzjoni soċjali tat-tfal u dwar it-tutela soċjali, li jemenda u jissupplimenta ċerti atti. Iċ-
Ċentru jwettaq il-ħidmiet ta' korp appuntat sabiex jimplementa l-ftehimiet internazzjonali u l-atti legali tal-Unjoni Ewropea, jiġifieri:
jaġixxi bħala korp li jirċievi u jibgħat fil-qasam tat-talbiet għal manteniment f'konformità ma' konvenzjonijiet internazzjonali;
jaġixxi bħala korp ċentrali kkonċernat mal-ħtif internazzjonali tat-tfal f'konformità ma' konvenzjonijiet internazzjonali u atti legali tal-Unjoni Ewropea;
jaqdi rwol ta' korp ċentrali fil-qasam tal-ħtif internazzjonali tat-tfal f'konformità mal-konvenzjoni internazzjonali;
joħroġ ċertifikati f'konformità mal-konvenzjoni internazzjonali;
iwettaq ħidmiet oħra fil-qasam tal-protezzjoni soċjali tat-tfal fejn huwa involut pajjiż barrani, f'konformità mal-leġiżlazzjoni speċjali;
jaġhti pariri legali bla ħlas fil-qasam tal-liġi tal-familja fejn ikun hemm aspett barrani, speċjalment fejn jidhru l-manteniment u l-kura għall-minuri, u fil-qasam tal-
adozzjoni;
jaħdem mal-korpi li jibagħtu u jirċievu ta' stati kontraenti oħrajn, mal-awtoritajiet ċentrali ta' stati kontraenti oħrajn u ma' uffiċċji rappreżentattivi, aġenziji
ċentrali tal-amministrazzjoni statali, banek, fergħat ta' banek barranin, korpi tal-gvern lokali, korpi għall-awtonomija territorjali, u korpi akkreditati.

L-aħħar aġġornament: 21/10/2022

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil
imdaħħal fl-orijinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċetta responsabbiltà jew
kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż
legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.